DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ottubru 2013

dwar miżura meħuda mill-Finlandja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi tip ta' feles tat-tifrid

(notifikata bid-dokument C(2013) 6442)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/495/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li jemenda d-Direttiva 95/16/KE [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 (2) tad-Direttiva 2006/42/KE, l-awtoritajiet Finlandiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'miżura li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' feles tat-tifrid idrawliku tat-tip *Hakki Pilke Z100* immanifatturat minn Maaselän Kone Oy, Valimotie 1, FI-85800 Haapajärvi, SUOMI/FINLAND, u li jeħtieġu li l-fabbrikant jieħu azzjoni korrettiva fir-rigward tal-magni li diġà qegħdin fis-suq.

(2) Ir-raġuni mogħtija mill-Finalandja għal din il-miżura hija n-non-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza li ġejjin tal-Anness I għad-Direttiva 2006/42/KE (b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards EN 609-1 - *Agricultural and forestry machinery - Safety of log splitters* – Part 1: *Wedge splitters*, and EN 574 - *Safety of machinery - Two-hand control devices – Functional aspects - Principles for design*):

— *1.1.2 - Principles of safety integration*;

— *1.2.2 - Control devices*;

— *1.2.3 – Starting*;

— *1.3.7 - Risks related to moving parts*;

— *1.4.3 – Special requirements for protective devices.*

(3) Il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Finlandiżi segwiet inkjesta dwar aċċident serju meta l-lievi tal-apparat b'kontroll bimanwali użati biex jixegħlu l-makkinarju kienu marbuta flimkien. L-awtoritajiet Finlandiżi qiesu li l-apparat ta' kontroll bimanwali ffittjat mal-makkinarju ma kienx imfassal biex jiġi evitat li jkunf faċilment tingħeleb jew jitħaddem b'id waħda jew minn partijiet oħra tal-ġisem.

(4) Il-Kummissjoni kitbet lill-manifattur, fejn talbitu jesprimi l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-miżura li ġiet adottata mill-Finlandja Fit-tweġiba tiegħu, il-manifattur indika li, wara l-miżura, kien ġab id-disinn tal-makkinarju f'konformità mal-prodotti manifatturati mill-ħarifa tal-2010 u ppropona miżuri korrettivi għall-magni mqiegħda fis-suq qabel dik id-data. Mis-sajf tal-2011, il-feles tat-tifrid inbigħ bir-referenza *Hakki Pilke HH100*.

(5) L-awtoritajiet Finlandiżi kkonfermaw li ifilsa tat-tifrid tat-tipi *Hakki Pilke Z100 u HH100* mqiegħda fis-suq sa mill-ħarifa 2010 jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/42/KE u għaldaqstant tneħħiet il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawk il-magni. Madankollu, l-obbligu li wieħed jirtira l-ifilsa tat-tifrid mis-suq u jġibhom f'konformità qabel il-ħarifa tas-sena 2010 jibqa' fis-seħħ.

(6) L-istħarriġ tal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet Finlandiżi u tal-osservazzjonijiet ikkomunikati mill-manifattur tikkonferma li l-ifilsa għat-tifrid tat-tip *Hakki Pilke Z100* b'kontroll bimanwali tingħeleb jew li jistgħu jiġu faċilment attwat b'id waħda jew minn partijiet oħra tal-ġisem ma jikkonformawx mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskju serju ta' korriment lil min jużahom,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Finlandiżi li tipprojbixxi t-tpoġġija fuq is-suq u l-użu ta' ifilsa tat-tifrid tat-tip *Hakki Pilke Z100* b'kontroll bimanwali tingħeleb jew li jistgħu jiġu faċilment attwat b'id waħda jew minn partijiet oħra tal-ġisem, u teħtieġ lill-fabbrikant jirtira mis-suq jew iġib konformi prodotti mhux konformi li diġà jkunu tqiegħdu fis-suq huwa ġustifikat.

[1] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Antonio TAJANI
Viċi President